bi tbissima ħelwa fuq xofftejha
safja bħad-dmugħ
li rajt jiegħaf fuq għajnejha,
meta għall-aħħar darba
ħallejt *bewsa ta' gratitudini*
fuq ħaddejha.

## XITA

### *Ta'* C. CASSAR

Nieżla b'dilluvju tfaqqa' fuq id-dinja
Tgħarraq l-għelieqi, tbaqbaq ħit-triqat,
U tħott mill-ġdid ħidmiet il-bniedem kburi
Taħbat ma' l-iġbla, mal-widien, mal-blat
Xita ta' ilma.

B'toqol ta' ktajjen imxekklin ma' ruħu
F'regħba bla xaba' u jasar mingħajr tama,
Imċaħħad mill-ħtiġiet li jħennu u jtuqu
Irekken l-għani, ġo moħbiet mudlama
Xita ta' għana.

Imrobbi fl-għera, sa mill-ġuf marradi
Xbieha ta' wiċċu sitt ulied musfara,
Jibki twelidu, jidgħi xortih kiefra
Mal-għaks l-imsejken jara biss fis-saħra
Xita ta' dwejjaq.

Ħalliem tas-sbejjaħ, mal-ħolqien jitgħarras
Igħanni fil-beraħ il-għanjiet safjin,
Iklu l-imħabba, jisker fi twemminu
Iħoss Poeta mis-smewwiet neżlin
Xita ta' versi.

Meta fis-sema id-dellijiet inferxu
W-inqered l-għani, u l-imsejken strieħ
U l-għanja wħidha tal-Poeta minsi
Baqgħet tinstema' mat-tnehid tar-riħ;
Siktet ix-xita.



## ŻEWĠ OKKAŻJONIJIET F'ĠIEĦ IS-SUR ĠORĠ PISANI

### Serata mill-Personal tal-Liċeo t'Għawdex

Is-SUR ĠORĠ PISANI, Membru Akkademiku tal-Għaqda, fit-tluq minn Surmast tal-Malti fil-Liċeo ta' Għawdex biex jieħu l-kariga ta' *Publicity Officer* fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (Fergħa ta' Għawdex), fil-5 ta' Diċembru, kien mistieden għal Serata, organizzata mill-Personal tal-Liċeo ta' Għawdex, fejn bħala apprezzament tal-ħidma tiegħu bħala Surmast fil-Liċeo, studenti qraw poeżijiet tiegħu, waqt li oħrajn qraw versi tagħhom stess kollha dedikati lilu. Studenti oħra u surmastrijiet sħabu qrawlu indirizzi fejn faħħru x-xogħol tiegħu fil-letteratura Maltija.

Bħala tifkira għażiża tal-ħidma tiegħu bħala l-ewwel surmast tal-Malti fil-Liċeo ta' Għawdex, lilu ngħata rigal mill-Personal u studenti tiegħu, fil-waqt li fl-aħħarnett kulħadd ħadlu b'idu u ferħlu u xtaqlu r-riżq fil-kariga hekk ta' ġieħ li fiha kien laħaq u li tassew kienet tistħoqqlu bħala pijonier tax-xogħol fl-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni f'Għawdex, fejn qabel dam jaħdem għal bosta snin flimkien max-xogħol li kellu bħala Surmast tal-Malti fil-Liċeo ta' Għawdex.

### Soirèe Lyrique fil-"British Institute", Għawdex

Is-Sibt tat-13 ta' Diċembru, fil-"British Institute", sar Soirèe Lyrique f'ġieħ is-SUR ĠORĠ PISANI, organizzat mis-Sur Ġorġ Xerri, Surmast ta' l-Ingliż fil-Liċeo ta' Għawdex, u ippatroċinat mill-Kapt. J. Attard, Kummissarju ta' Għawdex.

Il-programm kien imżewwaq b'qari ta' bċejjeċ letterarji tal-Poeta Pisani u bid-daqq ta' mużika u żfin korali flimkien mar-reċitar ta' versi tal-Poeta adattati maż-żfin u d-daqq. Is-Sur Ġorġ Xerri għamel xi kummenti fuq il-poeżija fejn intwera l-iżvilupp psikoloġiku ta' moħħ il-poeta Għawdxi b'enfasi fuq dawk il-poeżiji tiegħu l-inqas li huma magħrufin kif ukoll fuq